MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
AUDREY DEMICOLI**

Seduta tat-30 ta' April, 2004

Talba Numru. 1775/2003

**Jason Refalo**

**vs**

**Peter Camilleri**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fl-10 ta' Settembru 2003 fejn gie mitlub li l-konvenut jigi kkundannat ihallas lill-attur is-somma ta' hames mija u tnejn u erbghin lira Maltin u tnejn u tletin centezmu (Lm524.32) rapprezentanti danni kagunati f'incident awtomobilistiku li sehh fit-8 ta' Mejju 2003, gewwa Triq Gorg Borg Olivier, Tas-Sliema bejn il-vettura bin-numru tar-egistrazzjoni DAI 436 misjuqa mill-attur u l-vettura bin-numru tar-registrazzjoni JBE 454 misjuqa mill-konvenut u ghall-liema ncident kien unikament responsabbli l-

konvenut minhabba mperizja, traskuragni u nuqqas ta' osservanza tar-regolamenti tat-traffiku.
Bl-ispejjes, inkluzi dawk ta' Lm6.00 tal-ittra legali datata 10 ta' Gunju 2003 u bl-imghax legali kontra l-konvenut ingunt ghas-subizzjoni.

Ra r-Risposta tal-konvenut fejn huwa eccepixxa illi l-attur huwa unikament responsabbli ghall-incident 'de quo' stante li dan sehh unikament minhabba nuqqas ta' tharis tar-egolamenti tat-traffiku da parti tal-attur.

Ra t-talba rikonvenzjonali tal-konvenut fejn huwa talab li l-konvenut jigi kkundannat ihallsu s-somma ta' tlett mija u disa' u erbghin lira Maltin u sitt centezmi (Lm349.06) rapprrezentanti danni kagunati lilu fl-incident awtomobilistiku tat-8 ta' Mejju 2003 li ghalih kein jahti unikament l-attur.

Ra r-Rispposta prezentata mill-attur ghall-kontro-talba tal-konvenut fejn huwa eccepixxa li din il-kontro-talba ghandha tigi michuda peresss illi l-incident stradali in kwistjoni sehh unikament minhabba nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tat-traffiku, imperizja u negligenza fis-sewqan da parti tal-konvenut Peter Camilleri u kwindi l-attur m'ghandux jinzamm responsabbli ghall-incident de quo.

Salv eccezzjonijiet ohra.

Sema' x-xhieda tal-attur, PC1592 Daniel Busuttil, Joseph Buttigieg, tal-konvenut u ta' Esther Camilleri. Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz u tad-dokumenti esebiti mill-partijiet.

Ikkunsidra:

Illi din il-kawza tirrigwarda ncident awtomobilsitku li sehh fit-8 ta' Mejju 2003, fi Triq Gorg Borg Olivier, Tas-Sliema bejn il-vettura biin-numru tar-registrazzjoni DAI 436 misjuqa mill-attur u l-vettura bin-numru tar-registrazzjoni JBE 454 misjuqa mill-konvenut. L-attur xehed li dar ghal Triq Gorg Borg Olivier minn Triq Capua u kien niezel ghad-dritt fl-ewwel triq sejjer lejn Windsor Terrace meta

harget il-vettura tal-konvenut minn ‘parking space’ man-naha tal-lemin tieghu u laqtitu fil-genb tal-lemin ta’ quddiem. L-attur xehed li huwa ra l-vettura tal-konvenut biss ftit sekondi qabel ma sehh l-impatt. Il-konvenut min-naha l-ohra xehed li l-vettura tieghu kienet parkeggjata man-naha tal-lemin ta’ Triq Borg Olivier, precizament quddiem it-Trading Post, u qed thares l-isfel lejn Windsor Terrace. Huwa kien parkeggjat bejn zewg vetturi u kien qed jimmanuvra sabiex johrog minn dan il-parkegg. Huwa jsostni li hares lura, u cioe’ il-fuq fi Triq Gorg Borg Olivier qabel ma hareg u ma ra xejn izda meta hareg intlaqat mill-vettura tal-attur fil-bieba ta’ quddiem tan-naha tax-xellug. Il-konvenut qal ukoll li huwa ma kienx ra l-vettura tal-attur qabel l-impatt.

IT-Tribunal acceda fuq il-post u seta’ jikkonstata li Triq Gorg Borg Olivier hija ‘two way’, li jkun hemm vetturi parkeggjati fuq iz-zewg nahat tat-triq u li zewg vetturi sejrin fid-direzzjoni opposta jghaddu b’certa diffikolta’. Inoltre gie konstatat li Triq Gorg Borg Olivier hija triq dritta u ghalhekk il-konvenut kellha vizwali fit-tul hafna mill-post fejn kien parkeggjat ghad-direzzjoni li kien gejja minnha l-attur. Del resto dan il-fatt gie konfermat minn mart l-istess konveut, Esther Camilleri, li kienet passiggiera mieghu dakinhar tal-incident. Inoltre hemm distanza sostnazjali bejn il-punt fejn sehh l-impatt u l-inkrocju ma Triq Guze’ Howard u l-inkrocju ma Triq Capua. It-Tribunal ma jistghax jifhem kif il-konvenut seta’ ma rax il-vettura tal-attur niezla fi Triq Borg Olivier. Fil-fehma tat-Tribunal l-incident de quo swhh unikament tort tal-konvenut li ttenta johrog minn ‘parking space’ minghajr ma zamm ‘a proper lookout’ ghat-traffiku li kien qed jipprocedi fi Triq Gorg Borg Olivier. Il-konvenut jippretendi li kien l-attur li kellu jieqaf malli rah hiereg mill-parking space izda t-Tribunal jidhirtlu li l-oneru li jzomm ‘a proper lookoout’ kien tas-sewwieq hiereg mill-‘parking space’ u mhux tas-sewwwieq li qed jipprocedi ghall-affari tieghu fit-triq u fuq sajdu. Kien il-konvenut li invada l-karreggjata tal-attur u li kellu l-obbligu jaccerta ruhu li bil-manuvra li kien ser jaghmel huwa ma kienx ser ikun ta’ xkiel ghall-vetturi li kienu qed jipprocedu fi Triq Borg Olivier u mhux vice versa.

Il-konvenut xehed li huwa esplora t-triq qabel ma hareg mill-‘parking space’ izda mix-xhieda ta’ martu jirrizulta li fil-fatt kienet din tal-ahhar li kienet qed taralu humiex niezlin karozzi. M’hemm xejn hazin illi passiggier jassisti lis-sewwieq tal-vettura billi jaghtih xi indikazjonijiet waqt li jkun qed jimmanuvra biex johrog minn ‘parking space’ rsitrett izda sewwieq prudenti ghandu jaccerta ruhu personalment li ma jkunux ghaddejjin vetturi, jew li m’huwiex ser jinvadi l-karreggjata ta’ ebda vettura, qabel ma jeffetwa l-manuvra finali sabiex johrog mill-‘parking space’.

Il-quantum tad-danni reklamati mill-attur bl-ebda mod ma gew kontestati mill-konvenut u fi kwalunkwe kaz l-istess danni gew ampjament pruvati milll-istess attur permezz tal-produzzjoni tas-‘survey report’ li sar minn Joseph Buttigieg u anki permezz tax-xhieda tal-istess Buttigieg.

Ghal dawn il-motivi t-Tribunal jaqta’ u jiddecidi billi filwaqt li jichad l-eccezzjonijiet u t-talba rikonvenzjonali tal-konvenut, jilqa’ t-talbiet attrici u konsegwentement jikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur is-somma ta’ hames mija u tnejn u erbghin lira Maltin u tnejn u tletin centezmu (Lm524.32), bl-imghax pagabli mid-data tal-prezentata tal-Avviz sal-hlas effettiv.

L-ispejjes ta’ din l-istanza ghandhom jigu sopportati nterament mill-konvenut skond il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------